



Brussell, 25 ta' Frar 2019
(OR. en)

6695/19

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0148(COD)

ENER 92
ENV 174
TRANS 126
CONSOM 75
CODEC 509

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru dok. Cion:	9185/18 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri essenzjali oħra u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1222/2009 - Approċċ ġenerali

1. Il-Kummissjoni adottat il-proposta msemmija hawn fuq fis-17 ta' Mejju 2018 fi ħdan il-pakkett usa' ta' miżuri dwar Mobbilità b'Emissjonijiet Baxxi tal-Karbonju. Waqt li tħassar ir-Regolament (KE) Nru 1222/2009 dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri essenzjali oħra¹, l-oġġettivi ta' din il-proposta huma li tiċċara u testendi l-ambitu tal-qafas regolatorju attwali.
2. Wara li l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha lill-Grupp ta' Hídma dwar l-Enerġija f'Ġunju 2018, tkompla l-eżami tat-test.

¹ ĠU L 342, 22.12.2009.

3. Il-Presidenza ppreżentat l-ewwel abbozz ta'Approċċ Ġenerali lid-delegazzjonijiet fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija fid-29 ta' Jannar 2019. Ġew diskussi żewġ verżjonijiet riveduti ta' dan id-dokument fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija fil-5 u t-12 ta' Frar 2019. Abbażi tad-diskussjonijiet li saru, il-Presidenza għamlet aktar aġġustamenti, li wasslu biex it-test (Anness għan-nota 6327/19) jiġi approvat mill-COREPER fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Frar 2019.
4. F'dik l-okkażjoni, delegazzjoni waħda talbet li jiġu introdotti bidliet tekniċi żgħar fl-Artikoli 4(3) u 6(2) bil-għan li jiċċaraw dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet. Peress li ma tqajmet l-ebda oġġezzjoni oħra mid-delegazzjonijiet l-oħra, il-Presidenza inkludiet dawn il-bidliet fit-test fl-Anness għal din in-nota.
5. Meta mqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni, il-bidliet prinċipali jikkonċernaw il-premessi u d-dispożizzjonijiet li ġejjin:
 - a) il-premessi 13 u 13a: il-modifiki hemmhekk huma maħsuba biex jiżguraw konsistenza fit-test kollu - u speċjalment mal-Artikolu 14a - fir-rigward tal-kunċetti ta' kilometraġġ u brix;
 - b) il-premessa 22a u l-Artikolu 7a: il-modifiki hemmhekk huma maħsuba biex jiżguraw konsistenza mal-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar il-Kummerċ elettroniku;
 - c) il-premessi 23a u 32: il-premessa 23a ġiet introdotta biex tissostitwixxi l-premessa 32, bil-għan li jiġi sottolinjat li l-Istati Membri għandhom id-diskrezzjoni li jiddeċiedu jekk iridux jagħmlu użu jew le mill-alternattiva fl-Artikolu 10(2a);
 - d) il-premessi 26a, 26b u l-Anness VIIa: dawn il-premessi u l-Anness ġew introdotti biex jiġi ċċarat liema informazzjoni għandha tiddaħħal fil-bażi tad-data u jiġu indirizzati kwistjonijiet possibbli ta' kunfidenzjalità;

- e) l-Artikoli 2 u 11a:: dawn id-dispożizzjonijiet huma maħsuba biex jippermettu lill-Kummissjoni tadotta metodu ta' ttestjar xierqa għall-kejl tal-prestazzjoni tat-tajers ittredjati mill-ġdid permezz ta' atti ta' implimentazzjoni u b'hekk jiġi estiż l-ambitu tar-Regolament għal tali tajers ladarba dan il-metodu ta' ttestjar ikun ġie żviluppat;
- f) l-Artikolu 3(22): il-modifiki hemmhekk huma maħsuba biex tiġi ssimplifikata d-definizzjoni;
- g) l-Artikoli 4(3) u 6(2): il-modifiki hemmhekk huma maħsuba biex jiċċaraw li l-fornituri u d-distributuri jistgħu jagħmlu t-tikketta disponibbli f'riklami online għal tip speċifiku ta' tajer billi jesponuha permezz ta' wiri ta' ħaġa ġo oħra;
- h) l-Artikoli 4 (5) u 10(2a):: is-sett ta' modifiki hemmhekk huma maħsuba biex jiġu ċċarati l-obbligi għall-fornituri u tiġi introdotta l-possibbiltà (mhux obbligu) li l-awtoritajiet nazzjonali jżidu verifiki oħra bejn it-tikketta u l-informazzjoni pprovduta mill-fornituri, fejn ikollhom raġuni suffiċjenti li jemmnu li fornitur ma kienx żgura l-akkuratezza tat-tikketta;
- i) l-Artikolu 12(c): il-modifika hemmhekk hi maħsuba biex jiġi ċċarat li l-Annessi kollha ħlief Anness I, il-partijiet A, B u C jistgħu jiġu emendati permezz ta' atti delegati, iżda l-Artikolu 14a japplika fil-każ ta' introduzzjoni possibbli ta' parametri jew rekwiżiti ta' informazzjoni għall-kilometraġġ u l-brix, ladarba metodi ta' ttestjar xierqa jsiru disponibbli;
- l) fl-Artikolu 14a: din id-dispożizzjoni tinkludi klawnsola ta' reviżjoni li tippermetti lill-Kummissjoni tevalwa introduzzjoni possibbli ta' parametri jew rekwiżiti ta' informazzjoni għall-kilometraġġ u l-brix f'dan ir-Regolament;
- m) Anness I, il-partijiet A, B u C: il-modifiki hemmhekk huma maħsuba biex jinżamm it-test tar-Regolament attwali dwar it-Tikkettar tat-Tajers.

KONKLUŻJONI

6. Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, il-Kunsill huwa mistieden jilħaq ftehim dwar l-abbozz ta' Approċċ Ġenerali kif stabbilit fl-Anness.

p.m.: 1) il-bidliet għall-proposta tal-Kummissjoni huma b'**tipa grassa u sottolinjati** u t-tħassir huwa [];

2) l-iżbalji ortografiċi li ġejjin fil-proposta tal-Kummissjoni ġew ikkoreġuti:

- Anness VI, taqsima 5: " a_m " issa taqra " **σ_m** ";
- Anness VI, taqsima 6: "i" issa taqra "**I**".

2018/0148 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri [] oħra, li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1369 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1222/2009

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 u l-Artikolu 194(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [...]²[...],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni³,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) L-Unjoni hija impenjata li tibni Unjoni tal-Enerġija b'politika progressiva dwar il-klima. L-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil hija element kruċjali tal-Qafas ta' Politika għall-Klima u l-Enerġija għall-2030, u hija fundamentali għall-moderazzjoni tad-domanda tal-enerġija.

² [...].

³ ĠU C [...], [...], p. [...].

- (2) Il-Kummissjoni wettqet rieżami⁴ tal-effettività tar-Regolament (KE) Nru 1222/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵, u identifika⁶ il-bżonn li jiġu aġġornati d-dispożizzjonijiet tiegħu biex l-effettività tittejjeb.
- (3) Huwa adatt li r-Regolament (KE) Nru 1222/2009 jiġi sostitwit b'il regolament ġdid li jinkorpora l-emendi li saru fl-2011, u li jimmodifika u jtejjeb uħud il mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1222/2009 biex il-kontenut ta' dawk id-dispożizzjonijiet jiġi ċċarat u aġġornat, filwaqt li jittieħed kont tal-progress teknoloġiku fil-qasam tat-tajers li sar matul is-snin reċenti.
- (4) Is-settur tat-trasport jirrappreżenta terz tal-konsum tal-enerġija tal-Unjoni. Fl-2015, it-trasport bit-triq kien responsabbli għal madwar 22 % tal-emissjonijiet totali tal-gass b'effett ta' serra tal-UE. It-tajers, prinċipalment minħabba r-reżistenza tagħhom għad-dawrien, jirrappreżentaw bejn 5 % u 10 % il tal-konsum tal-fjuwil tal-vetturi. Tnaqqis il fir-reżistenza għad-dawrien tat-tajers għalhekk tkun tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil tat-trasport bit-triq, u b'hekk ukoll għat-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gass b'effett ta' serra.
- (5) It-tajers huma karatterizzati minn għadd ta' parametri marbutin ma' xulxin il. It-titjib ta' parametru wieħed bħar-reżistenza għad-dawrien jista' jkollu impatt negattiv fuq [...]
parametri oħra, bħall-prestazzjoni tal-abda fuq l-imxarrab, filwaqt li t-titjib tal-prestazzjoni tal-qabda fuq l-imxarrab jista' jkollu impatt negattiv fuq l-istorbju estern tad-dawrien. Jenħtieġ li l-manifatturi tat-tajers jiġu mħeġġa jtejbu l-parametri kollha lil hinn mill-istandards diġà miksuba.
- (6) It-tajers li huma effiċjenti fl-użu tal-fjuwil jistgħu jkunu kosteffettivi, billi l-iffrankar fuq il-fjuwil imur lil hinn mis-sempliċi kumpens għaż-żieda fil-prezz tax-xiri tat-tajers li jirriżulta minnil kostijiet oġhla ta' produzzjoni ta' dawk it-tajers.

⁴ [...]

⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 1222/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri essenzjali oħra (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 46).

- (7) Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ jistabbilixxi rekwiżiti minimi għar-reżistenza għad-dawrien tat-tajers. Grazzi għall-iżviluppi teknoloġiċi hu possibbli li **[j] jitnaqqas it-**telf tal-enerġija **li jirriżulta** minħabba reżistenza għad-dawrien tat-tajers sinifikament lil hinn minn dawk ir-rekwiżiti minimi. Għaldaqstant, sabiex jitnaqqas l-impatt ambjentali tat-trasport bit-triq, jixraq li jiġu aġġornati d-dispożizzjonijiet **[dwar]** it-tikkettar tat-tajers biex **[l]**-utenti aħħarija jkun mħeġġa jixtru tajers aktar effiċjenti fl-użu tal-fjuwil, billi jiġu **pprovduti b'**informazzjoni armonizzata u aġġornata fuq dak il-parametru.
- (8) L-istorbju tat-traffiku huwa ta' fastidju sinifikanti u għandu effett ta' ħsara għas-saħħa. Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 jistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-istorbju estern tad-dawrien tat-tajers. L-iżviluppi teknoloġiċi jagħmluha possibbli li l-istorbju estern tad-dawrien jitnaqqas ferm lil hinn minn dawk ir-rekwiżiti minimi. Għaldaqstant, sabiex jitnaqqas l-istorbju tat-traffiku, jixraq li jiġu aġġornati d-dispożizzjonijiet **[dwar]** it-tikkettar tat-tajers biex **[l]**-utenti aħħarija jkunu mħeġġa jixtru tajers li jagħmlu inqas storbju estern tad-dawrien billi jiġu **pprovduti b'**informazzjoni armonizzata fuq dak il-parametru.
- (9) L-għoti ta' informazzjoni armonizzata dwar l-istorbju estern tad-dawrien jiffaċilita wkoll l-implimentazzjoni ta' miżuri biex jiġi limitat l-istorbju tat-traffiku, u jikkontribwixxi għal aktar għarfien tal-effett tat-tajers fuq l-istorbju tat-traffiku fil-qafas tad-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷.
- (10) Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 jistabbilixxi **wkoll** rekwiżiti minimi għall-prestazzjoni tat-tajers fir-rigward tal-qabda tagħhom fuq l-imxarrab. Grazzi għall-iżviluppi teknoloġiċi hu possibbli t-titjib tal-**prestazzjoni** tal-qabda fuq l-imxarrab sinifikament lil hinn minn dawk ir-rekwiżiti, u b'hekk li jitnaqqas d-distanzi tal-ibbrejkjar fuq l-imxarrab. Sabiex titjib is-sikurezza fit-toroq, hu għalhekk adatt li jiġu aġġornati d-dispożizzjonijiet **[dwar]** it-tikkettar tat-tajers biex **[l]**-utenti aħħarija jkunu mħeġġa jixtru tajers bi prestazzjoni għola tal-qabda fuq l-imxarrab, billi jiġu **pprovduti b'**informazzjoni armonizzata dwar dak il-parametru.

⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 200, 31.7.2009, p. 1).

⁷ Id-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 fir-rigward tal-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali (ĠU L 189, 18.7.2002, p. 12).

- (11) Sabiex jiġi żgurat allinjament mal-qafas internazzjonali, ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 jirreferi għar-Regolament UNECE 117⁸, li [] **jistabbilixxi** l-metodi ta' kejl rilevanti għar-reżistenza għad-dawrien, l-istorbju **estern tad-dawrien**, u għall-prestazzjoni tat-tajers fir-rigward tal-qabda fuq l-imxarab u fuq il-borra.
- (12) Sabiex [] l-utenti aħħarija jiġu pprovduti b'informazzjoni dwar il-prestazzjoni tat-tajers **li huma** speċifikament imfassla għall-**użu f'kondizzjonijiet severi** ta' borra u silġ, hu adatt li tintalab l-inklużjoni **ta' tali informazzjoni** fuq it-tikketta[].
- (13) Il-brix tat-tajers matul l-użu huwa sors sinifikanti tal-mikroplastiċi, li jagħmlu l-ħsara lill-ambjent, u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Strateġija Ewropea għall-Plastik f'Ekonomija Ċirkolari"⁹ għalhekk issemmi l-bżonn li jiġi indirizzat ir-rilaxx mhux intenzjonat tal-mikroplastiċi mit-tajers, fost l-oħrajn permezz ta' miżuri ta' informazzjoni bħat-tikkettar u rekwiżiti minimi għat-tajers. **Marbut mal-brix tat-tajers hu l-kunċett ta' kilometraġġ, jiġifieri l-għadd ta' kilometri li jservi tajer qabel ikun jeħtieġ li jinbidel minħabba l-użu eċċessiv tal-profil. Minbarra l-brixx u l-użu eċċessiv tal-profil, il-ħajja ta' tajer tiddependi minn firxa ta' fatturi, bħar-reżistenza tat-tajer għall-użu, inkluż il-kompost, d-disinn tal-profil u l-istruttura, il-kundizzjonijiet tat-toroq, il-manutenzjoni, il-pressjoni tat-tajer u l-imġiba fis-sewqan.**
- (13a) Madankollu, attwalment ma hemm l-ebda metodu ta' ttestjar xieraq disponibbli biex ikejjel il-brix tat-tajers **u l-kilometraġġ**. Għalhekk il-Kummissjoni għandha **tippromwovi** [] l-iżvilupp ta' tali metodu **u tevalwa l-possibbiltà li jiġu inklużi tali parametri fl-ambitu tar-Regolament attwali li ser jieħu[]** inkonsiderazzjoni totali l-istandards kollha l-aktar reċenti żviluppati internazzjonalment jew proposti jew ir-regolamenti[] **kif ukoll il-ħidma mwettqa mill-industrija[]**.

⁸ ĠU L 307, 23.11.2011, p. 3

⁹ COM(2018) 28 finali

- (14) It-tajers ittredjati mill-ġdid [] **jikkostitwixxu** parti sostanzjali tas-suq għat-tajers tal-vetturi heavy-duty. L-ittredjar mill-ġdid tat-tajers itawwal il-ħajja utli tagħhom u jikkontribwixxi lejn għanijiet tal-ekonomija ċirkolari, fosthom it-tnaqqis tal-iskart. L-applikazzjoni ta' rekwiżiti ta' tikkettar fuq tali tajers mistennija ġgħib magħha ffrankar sostanzjali tal-enerġija. Madankollu billi metodu ta' ttestjar xieraq għall-kejl tal-prestazzjoni tat-tajers ittredjati mill-ġdid mhux disponibbli attwalment, dan ir-Regolament għandu **jagħti lill-Kummissjoni s-setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tadotta regoli uniformi meħtieġa għall-applikazzjoni ta' tali rekwiżiti għat-tajers ittredjati mill-ġdid []**.
- (15) It-tikketta tal-enerġija [] **prevista skont** ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰, li tikklassifika l-konsum tal-enerġija tal-prodotti fi skala minn "A" sa "G", hija rikonoxxuta minn aktar minn 85 % tal-konsumaturi tal-Unjoni, u wriet li hija effettiva fil-promozzjoni ta' prodotti aktar effiċjenti. Jenħtieġ li t-tikketta tat-tajers tkompli tuża l-istess disinn sa fejn huwa possibbli, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tal-[] parametri tat-tajers.
- (16) L-ġħoti ta' informazzjoni komparabbli dwar il-parametri tat-tajers fil-forma ta' tikketta ta' **tajer** standard x'aktarx li jinfluwenza d-deċiżjonijiet tax-xiri tal-utenti aħħarija favur tajers aktar sikuri, inqas storbjużi u aktar effiċjenti fl-użu tal-fjuwil. Dan min-naħa tiegħu x'aktarx ihegġegħ lill-manifatturi tat-tajers jottimizaw[] il-parametri **tat-tajers**, u b'hekk iwittu t-triq għal konsum u produzzjoni aktar sostenibbli **tat-tajers**.
- (17) Il-ħtieġa ta' aktar informazzjoni dwar l-effiċjenza tat-tajers fl-użu tal-fjuwil u parametri oħra hija rilevanti għall-utenti []aħħarija kollha, inkluż daww li jixtru t-tajers ta' rikambju u t-tajers armati fuq vetturi ġodda, kif ukoll il-manigħers tal-flotot u l-intrapriżi tat-trasport, li ma jistgħux iqabblu faċilment il-parametri ta' marki differenti tat-tajers fin-nuqqas ta' skema armonizzata ta' ttestjar u tikkettar. Għalhekk hu adatt li jenħtieġ [] **li t-tajers kollha** li jitwasslu mal-vetturi [] **jkunu tikkettati**.

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 1).

- (18) Attwalment t-tikketti huma [] meħtieġa għat-tajers tal-vetturi (tajers C1) u tal-vannijiet (tajers C2), iżda mhux tal-vetturi -heavy-duty (tajers C3). It-tajers C3 jikkunsmaw aktar fjuwil u jkopru aktar kilometri fis-sena mit-tajers C1 u C2, u għalhekk il-potenzjal li jitnaqqsu l-konsum tal-fjuwil u l-emissjonijiet tal-**gassijiet b'effett ta' serra** mill-vetturi[] **heavy-duty** huwa sinifikanti. **Għalhekk, it-tajers C3 għandhom jiġu inklużi fl-ambitu ta' dan ir-Regolament.**
- (19) L-inklużjoni totali tat-tajers C3 fl-ambitu ta' dan ir-Regolament hija wkoll f'konformità [] mar-Regolament **2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**¹¹, [] **fir-rigward tal-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet tas-CO₂ minn [...] u l-konsum tal-fjuwil ta' vetturi ġodda heavy-duty, [] u mar-Regolament .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**¹², [] **fir-rigward tal-istandards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas- CO₂ għal vetturi ġodda heavy-duty**¹³.
- (20) Ħafna utenti aħħarija jieħdu deċiżjonijiet dwar ix-xiri tat-tajers mingħajr ma jaraw it-tajer stess, u b'hekk ma jarawx it-tikketta mwaħħla miegħu. F'[]tali sitwazzjonijiet, [] l-utenti aħħarija għandhom jintwerew it-tikketta qabel ma d-deċiżjoni tiegħu li jixtru. Il-wiri ta' tikketta fuq it-tajers fil-post tal-bejgħ, kif ukoll fil-materjal promozzjonali tekniku, għandu jiżgura li d-distributuri u l-utenti aħħarija potenzjali jirċievu informazzjoni armonizzata dwar il-parametri rilevanti tat-tajers fil-waqt u fil-post tad-deċiżjoni dwar ix-xiri.
- (21) Xi utenti aħħarija **jieħdu deċiżjoni li jixtru t-tajers** [] qabel ma jaslu fil-post tal-bejgħ, jew jixtru[] **t-tajers** bil-posta jew bl-[]Internet. Sabiex jiġi żgurat li dawn l-utenti aħħarija wkoll ikunu jistgħu jagħmlu għażla infurmata abbażi ta' informazzjoni armonizzata dwar, **fost l-oħrajn**, l-effiċjenza tat-tajers fl-użu tal-fjuwil, il-prestazzjoni fir-rigward tal-qabda tagħhom fuq l-imxarrab [] **u l-istorbju estern tad-dawrien**[], jenħtieġ li t-tikketti tat-**tajer** jintwerew fil-materjal promozzjonali tekniku kollu **u riklami viżivi**, inkluż fejn tali materjal ikun disponibbli fuq l-[]Internet. **Fejn ir-riklami viżivi jappartjenu għal familja ta' tajers, u mhux għal tip ta' tajer speċifiku biss, ma jkunx hemm għalfejn tintwera t-tikketta sħiħa.**

¹¹ **Regolament (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet ta' CO₂ u tal-konsum ta' fjuwil minn vetturi heavy-duty ġodda (ĠU L 173, 9.7.2018, p.1).**

¹² **Regolament .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ... li jistabbilixxi standards ta' prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ għal vetturi heavy-duty ġodda u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 595/2009 (ĠU L ...).**

¹³ [...]

- (22) L-utenti aħħarija potenzjali għandhom jingħataw informazzjoni li tispjega kull komponent tat-tikketta tat-**tajer** u r-rilevanza tiegħu. [] **Dik** l-informazzjoni għandha tkun pprovduta fil-materjal promozzjonali tekniku **kollu**, pereżempju fuq is-siti web tal-fornituri, **iżda mhux fir-reklami viżwali**.
- (22a) Waqt li tiġi rikonoxxuta ż-żieda ta' bejgħ tat-tajers permezz tal-pjattaformi ta' bejgħ fuq l-Internet, pjuttost milli direttament minn għand il-fornituri, għandu jkun iċċarat li l-fornituri tas-servizz ospitanti għandhom ikunu responsabbli li tkun tista' tintwera t-tikketta pprovduta mill-fornitur bi prossimità mal-prezz. Huma għandhom jinfurmaw lid-distributur dwar dak l-obbligu, iżda m'għandhomx ikunu responsabbli għall-akkuratezza jew il-kontenut tat-tikketta u l-iskeda tal-informazzjoni dwar il-prodott ipprovduti. Madankollu, fl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(1)(b) tad-Direttiva 2000/31/KE dwar il-kummerċ elettroniku, tali pjattaformi ospitanti fuq l-internet għandhom jaġixxu minnufih li jneħħu jew iwaqqfu l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tajer inkwistjoni jekk ikunu konxji minn nuqqas ta' konformità (pereżempju tikketta jew skeda ta' informazzjoni dwar il-prodott niegħsa, mhux kompluta jew mhux korretta) pereżempju jekk ikunu infurmati mill-awtorità tas-sorveljanza tas-suq. Fornitur li jbiegħ direttament lill-utenti aħħarija permezz tas-sit web tiegħu stess hu kopert mill-obbligi ta' bejgħ mill-bogħod tad-distributuri.**
- (23) L-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil, il-**prestazzjoni** tal-qabda fuq l-imxarrab, l-istorbju tad-**dawrien** estern u parametri oħra [] għandhom jitkejlu **f'konformità**[] [] **ma'**metodi affidabbli, preċiżi u riproduċibbli, li jieħdu kont tal-kejl [...] u l-metodi ta' kalkolu tal-aktar teknoloġiji reċenti ġeneralment rikonoxxuti. Sa fejn huwa possibbli, jenħtieġ li tali metodi jirriflettu l-imġiba tal-konsumatur medju, u li jkunu robusti sabiex jiskoraġġixxu l-ksur kemm intenzjonali **kif ukoll** mhux intenzjonali. It-tikketti tat-tajers għandhom jirriflettu l-prestazzjoni komparattiva **tat**-tajers fl-użu reali, fi ħdan il-limiti [] **li jirriżultaw mill-bżonn**[] **ta'** ttestjar fil-laboratorju li jkun affidabbli, preċiż u riproduċibbli, **sabiex** l-utenti aħħarija jkunu jistgħu jqabblu tajers differenti u sabiex jiġu []limitati l-kostijiet tal-ittestjar għall-manifatturi.

- (23a) Fejn ikollhom raġuni suffiċjenti li jemmnu li fornitur ma żgurax l-akkuratezza tat-tikketta u sabiex jagħtu aktar fiduċja lill-konsumaturi, l-awtoritajiet nazzjonali kif definit fl-Artikolu 3(37) tar-Regolament (UE) 2018/858 għandhom jikkontrollaw jekk il-klassijiet għar-reżistenza għad-dawrien, il-prestazzjoni tal-qabda fuq l-imxarrab u l-istorbju estern tad-dawrien murija fuq it-tikketta, kif ukoll ikoni għal parametri oħra, jikkorrispondux għad-dokumentazzjoni pprovduta mill-fornitur bbażata fuq riżultati ta' testijiet u kalkoli. Tali kontrolli jistgħu isiru matul il-proċess tal-approvazzjoni tat-tip u mhux neċessarjament jeħtieġu l-ittestjar fiżiku tat-tajer.**
- (24) Il-konformità []mal-fornituri, **, il-bejjiegħa bl-ingrossa, in-negozjanti** u distributuri **oħra mad-dispożizzjonijiet dwar it-tikkettar tat-tajers** hija essenzjali sabiex ikunu żgurati l-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fl-Unjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri jimmonitorjaw tali konformità permezz ta' sorveljanza tas-suq u kontrolli ex-post regolari, [] **f'konformità** mar-r-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴.
- (25) Sabiex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ tal-konformità, **li** tiġi provduta għodda siewja lill-utenti [] aħħarija, u **li** jingħata lok għal modi alternattivi[] **id-distributuri** jirċievu skedi tal-informazzjoni dwar il-prodott, jenħtieġ li t-tajers jiġu inklużi fil-bażi tad-data stabbilita skont ir-Regolament (UE) 2017/1369. **Dak** ir-Regolament[] għandu għalhekk ikun emendat skont il-każ.
- (26) Mingħajr preġudizzju []għall-obbligi ta' sorveljanza tas-suq tal-**Istati Membri** [] **jew** [] **għall-obbligi**[] **tal-fornituri** li jikkontrollaw il-konformità tal-prodott, il-fornituri għandhom jagħmlu l-informazzjoni ta' konformità tal-prodott [] **rekwiżita elettronikament** disponibbli[] fil-bażi tad-data tal-prodott.

¹⁴ Ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

- (26a) Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri marbutin mas-sorveljanza tas-suq u għall-obbligi tal-fornituri li jikkontrollaw il-konformità tal-prodott, jenħtieġ li l-fornituri jagħmlu l-informazzjoni rikjesta dwar il-konformità tal-prodott disponibbli elettronicament fil-bażi tad-data tal-prodotti. Jenħtieġ li l-informazzjoni rilevanti għall-konsumaturi u d-distributuri ssir disponibbli għall-pubbliku fil-parti pubblika tal-bażi tad-data tal-prodott. Jenħtieġ li dik l-informazzjoni ssir disponibbli bħala data miftuħa sabiex żviluppaturi tal-applikazzjoni mobbli u għodod oħra ta' tqabbil iinghataw l-opportunità li jużawha. Jenħtieġ li jiġi ffaċilitat aċċess dirett u faċli għall-parti pubblika tal-bażi tad-data tal-prodott permezz ta' għodod orjentati lejn l-utent, bħal kodiċi dinamiku ta' rispons rapidu (kodiċi QR), inkluż fuq it-tikketta stampata.
- (26b) Il-parti tal-konformità tal-bażi tad-data tal-prodott għandha tkun soġġetta għal regoli stretti dwar il-protezzjoni tad-data. Jenħtieġ li l-partijiet speċifiċi meħtieġa tad-dokumentazzjoni teknika fil-parti li tirrigwarda l-konformità tkun disponibbli kemm għall-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq kif ukoll għall-Kummissjoni. Fejn xi informazzjoni teknika tkun tant sensittiva li ma jkunx xieraq li tiġi inkluża fil-kategorija ta' dokumentazzjoni teknika kif dettaljat fl-atti delegati adottati skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq iżommu s-setgħa li jkollhom aċċess għal dik l-informazzjoni meta jkun meħtieġ f'konformità mad-dmir ta' kooperazzjoni tal-fornituri jew permezz ta' partijiet addizzjonali tad-dokumentazzjoni teknika li l-fornituri jtellgħu fil-bażi tad-data tal-prodott fuq bażi volontarja.
- (27) Sabiex l-utenti aħħarija jkollhom fiduċja fit-tikketta tat-tajer, tikketti oħra li jimitawha m'għandhomx ikunu permessi. [] **Barra minn hekk**, tikketti, marki, simboli jew skrizzjonijiet li x'aktarx iqarrqu jew jħawdu lill-utenti aħħarija fir-rigward tal-parametri koperti mit-tikketta tat-tajer m'għandhomx ikunu permessi għall-istess raġuni.
- (28) Jenħtieġ li l-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u **l-atti ta' implimentazzjoni u** delegati adottati skontu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

- (29) Biex jippromwovu l-effiċjenza enerġetika, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-protezzjoni tal-ambjent, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jgħallqu inċentivi għall-użu ta' **tajers** effiċjenti- fl-użu tal-enerġija **u sikuri** []. L-Istati Membri huma liberi li jiddeċiedu dwar in-natura ta' tali inċentivi. Tali inċentivi għandhom ikunu konformi mar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajjuna mill-[...]Istat, u m'għandhomx jikkostitwixxu xkiel mhux ġustifikat għas-suq. Dan ir-Regolament ma jippreġudika l-eżitu tal-ebda proċedura futura marbuta mal-għajjuna mill-Istat li tista' ssir skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) fir-rigward ta' tali inċentivi.
- (30) Sabiex jiġu emendati il-kontenut u l-format tat-tikketta tat-**tajer** [] u jiġu adattati l-Annessi għal progress tekniku, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 [] **TFUE** għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni. Huwa ta' importanza partikolari li waqt il-ħidma preparatorja tagħha, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa anke fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016¹⁵. B'mod partikolari, biex tkun żgurata l-partekippazzjoni ndaqs waqt it-tnejn tal-atti delegati, jenħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u jenħtieġ li l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għall-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn tal-atti delegati.

¹⁵ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

(30a) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-iżvilupp ta' metodoloġija uniformi meħtieġa biex jiġu applikati r-rekwiżiti għat-tajers ittredjati mill-ġdid, is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jiġu konferiti fuq il-Kummissjoni. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

*** Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13)."**

(31) It-tajers li jkunu diġà tqiegħdu fis-suq qabel id-data tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti inklużi f'dan ir-Regolament ma hemmx għalfejn jiġu ttikkettati mill-ġdid.

||

(33) Jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament. **|| F'konformità mal-paragrafu 22 tal-Ftehim Interistituzzjonali || tat-13 ta' April 2016** dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ||, li l-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq || l-effiċjenza, l-effettività, ir-rilevanza, il-koerenza u || l-valur miżjud, għandha tipprovdi l-bażi għall-valutazzjonijiet tal-impatt || **tal-għażliet għal azzjoni ulterjuri.**

- (34) Peress li l-objettiv [...] ta' dan ir-Regolament, jigiifieri iż-żieda tas-sikurezza u tal-effiċjenza ekonomika u ambjentali tat-trasport bit-triq billi tingħata informazzjoni lill-utenti aħħarija biex dawn ikunu jistgħu jagħżlu tajers aktar effiċjenti fl-użu tal-fjuwil, aktar sikuri u anqas storbjużi, ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri għaliex **[dan]** jeħtieġ informazzjoni armonizzata għall-utenti aħħarija, iżda min-naħa l-oħra, bis-saħħa **tal-ħtieġa għal** qafas regolatorju armonizzat u kondizzjonijiet ekwi għall-manifatturi **[]**, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif jinsab fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea. Regolament jibqa' l-istrument legali xieraq peress li jimponi regoli ċari u dettaljati li jipprekludu traspożizzjoni diverġenti mill-Istati Membri u b'hekk jiżgura livell oġġla ta' armonizzazzjoni fl-Unjoni kollha. Qafas regolatorju armonizzat fil-livell tal-Unjoni pjuttost milli fil-livell tal-Istat Membru jnaqqas il-kostijiet għall-manifatturi, jiżgura kundizzjonijiet ekwi u jiżgura l-moviment liberu tal-merkanzija fis-suq intern kollu. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jinkiseb **[dak]** l-objettiv **[]**.
- (35) Għaldaqsant, ir-Regolament (KE) Nru 1222/2009 għandu jitħassar, **[]**

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għan u suġġett

1. L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jiżdiedu [] s-sikurezza[] il-protezzjoni tas-saħħa, u l-effiċjenza ekonomika u ambjentali tat-trasport bit-triq, permezz tal-promozzjoni ta' tajers effiċjenti fl-użu tal-fjuwil u tajers sikuri b'emissjonijiet ta' storbu baxxi.
2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas għall-għoti ta' informazzjoni armonizzata dwar il-parametri tat-tajers permezz tat-tikkettar, sabiex l-utenti aħħarija jkunu jistgħu [] jagħmlu għażla infurmata meta jixtru t-tajers.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika[] għat-tajers C1, C2, u C3.
2. Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għal tajers ittredjati mill-ġdid ladarba l-
Kummissjoni tkun adottat regoli uniformi dwar metodu ta' ttestjar xieraq għall-kejl tal-prestazzjoni ta' tali tajers. [] Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 1 [] 1a(2).
3. Dan ir-Regolament ma għandux[] japplika għal:
 - (a) tajers off-road professjonali;
 - (b) tajers iddisinjata biss biex jiġu armati fuq vetturi mibnija jew reġistrati għall-ewwel darba qabel l-1 ta' Ottubru 1990;
 - (c) tajers ta' rikambju tat-tip T għal użu temporanju;
 - (d) tajers li l-kategorija tal-veloċità tagħhom hija ta' anqas minn 80 km fis-siegħa;

- (e) tajers li d-dijametru nominali tar-rimm tagħhom ma jkunx aktar minn 254 mm jew ikun 635 mm jew aktar;
- (f) tajers mgħammra b'mezzi addizzjonali biex itejbu l-proprjetajiet tat-trazzjoni, bħat-tajers bl-istuds;
- (g) tajers iddisinjati biss biex jiġu armati fuq vetturi maħsubin esklużivament għat-tlielaq;
- (h) **tajers użati, dment li jkunu importati minn pajjiż terz.**

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, [...] japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "tajers C1, C2 u C3" tfisser il-klassijiet ta' tajers definiti fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 661/2009;
- (2) "tajer ittredjat mill-ġdid" tfisser tajer użat rikondizzjonat billi l-wieċ mikul ta' barra jinbidel b'materjal ġdid;
- (3) "tajer ta' rikambju tat-tip T għal użu temporanju" tfisser tajer ta' rikambju għal użu temporanju, iddisinjat biex jintuża fi pressjonijiet ta' nfih ogħla minn dawk stabbiliti għat-tajers standard u rinforzati;
- (4) **'tajers off-road professionali' tfisser tajer ta' użu speċjali primarjament użat f'kondizzjonijiet severi ta' off-road;**
- (5) "tikketta" tfisser [] dijagramma grafika, stampata jew f'forma elettronika, inkluż[] fil-forma ta' stiker, li tinkludi simboli biex [] jinforma[] lill-utenti aħħarija dwar il-prestazzjoni ta' tajer jew lott ta' tajers, marbuta mal-parametri stabbiliti fl-Anness I;
- (6) "post tal-bejgħ" tfisser post fejn it-tajers huma murija jew maħżuna u **jiġu** offruti għall-bejgħ lil utenti aħħarija, [], inkluż show rooms [] **fejn** it-tajers **li mhum** **armati fuq il-vetturi huma** offruti għall-bejgħ lil utenti aħħarija[];

- (7) "materjal promozzjonali tekniku" tfisser dokumentazzjoni, f'forma stampata jew elettronika, [] li hija prodotta [] minn fornitur biex tissupplimenta materjal ta' riklamar tal-anqas bl-informazzjoni teknika[] li tinsab fl-Anness V;
- (8) "skeda ta' informazzjoni dwar il-prodott" tfisser dokument li fiha l-informazzjoni [...] li tinsab fl-Anness IV, li hija [] jew f'forma stampata jew elettronika;
- (9) "dokumentazzjoni teknika" tfisser dokumentazzjoni [] li tippermetti lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ikunu jistgħu jivvalutaw il-preċiżjoni tat-tikketta u tal-iskeda ta' informazzjoni [] dwar [] tajer, u inkluża l-informazzjoni [] li tinsab fil-punt 2 tal-Anness VIIa;
- (10) "bażi tad-data tal-prodotti" tfisser il-bażi tad-data stabbilita skont ir-Regolament (UE) 1369/2017, [] li tikkonsisti minn parti pubblika orjentata lejn il-konsumaturi, fejn l-informazzjoni rigward il-parametri [] tat-tajers individwali tkun aċċessibbli b'mezzi elettroniċi, portal online għall-aċċessibbiltà, kif ukoll minn parti dwar il-konformità, b'rekwiżiti ta' aċċessibbiltà u ta' sigurtà speċifikati b'mod ċar;
- (11) "bejgħ mill-bogħod" tfisser l-offerta ta' bejgħ, kiri, jew bejgħ bin-nifs bil-posta, minn katalog, fuq l-Internet, bit-telebejgħ jew bi kwalunkwe metodu ieħor, li permezz tagħha l-utenti[] aħħarija potenzjali ma jkunux mistennija li jaraw it-[] tajer espost;
- (12) "manifattur" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li timmanifattura prodott, jew li għandha prodott iddisinjat jew immanifatturat, u li tqiegħed dak il-prodott fis-suq fisimha jew bil-marka kummerċjali tagħha;
- (13) "importatur" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tqiegħed prodott minn pajjiż terz fis-suq tal-Unjoni;
- (14) "rappreżentant awtorizzat" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li rċeviet mandat bil-miktub minn manifattur sabiex taġixxi f'ismu fir-rigward ta' kompiti speċifikati;

- (15) "fornitur" tfisser manifattur stabbilit fl-Unjoni, ir-rappreżentant awtorizzat ta' manifattur li mhuwiex stabbilit fl-Unjoni, jew importatur, li jqiegħed prodott fis-suq tal-Unjoni;
- (16) "distributur" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika fil-katina tal-forniment, barra mill-manifattur jew l-importatur, li tagħmel tajjer disponibbli fis-suq;
- (17) "kummerċjalizzazzjoni" tfisser il-forniment ta' prodott għad-distribuzzjoni jew għall-użu fis-suq tal-Unjoni matul attività kummerċjali, sew jekk bi flus sew ukoll jekk mingħajr ħlas;
- (18) "tqegħid fis-suq" tfisser li prodott isir disponibbli għall-ewwel darba fis-suq tal-Unjoni;
- (19) "utenti [...] aħħarija" tfisser konsumatur, [] manijer ta' flotta jew intrapriża [...]tat-trasport bit-triq, li jixtri jew li huwa mistenni li jixtri tajjer;
- (20) "parametru" tfisser parametru ta' tajjer kif jinsab fl-Anness I, **li għandu impatt sinifikanti fuq l-ambjent, is-sikurezza tat-triq jew is-saħħa matul l-użu**, bħar-reżistenza għad-dawrien, il-**prestazzjoni** tal-qabda fuq l-imxarrab, l-istorbju estern tad-dawrien, il **prestazzjoni tal-qabda** fuq il-borra u l-prestazzjoni tal-qabda fuq s-silġ;
- (21) "tip ta' tajjer" tfisser verżjoni ta' tajjer[] **li għaliha l-karatteristiċi tekniċi fuq it-tikketta, l-iskeda tal-informazzjoni dwar il-prodott u l-identifikatur tal-mudell ikunu l-istess** għall-unitajiet kollha ta' **dik il-verżjoni**[];
- (22) **'verifika ta' tolleranza'** tfisser id-devjazzjoni massima permissibbli bħala riżultat ta' **varjazzjoni interlaboratorja tal-kejl u l-kalkolu tat-testijiet ta' verifika mwettqa minn, jew f'isem, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, meta mqabbla mal-valuri tal-parametri ddikjarati jew ippubblikati** [].

Artikolu 4

Responsabbiltajiet tal-fornituri tat-tajers

1. Il-fornituri għandhom jiżguraw li t-tajers C1, C2 u C3 li jitqiegħdu fis-suq ikunu akkumpanjati:
 - (a) għal kull tajer individwali, **[] b' tikketta konformi mal-Anness II fil-forma ta' stiker**, li tindika l-informazzjoni u l-klassi għal kull wieħed mill-parametri stabbiliti fl-Anness I, u **[] bi skeda ta' informazzjoni dwar il-prodott kif stabbilit fl-Anness IV; jew**
 - (b) għal kull lott ta' tajers identiċi, **[] b' tikketta konformi mal-Anness II f'forma stampata []**, li tindika l-informazzjoni u l-klassi għal kull wieħed mill-parametri stabbiliti fl-Anness I, u **[] bi skeda ta' informazzjoni dwar il-prodott kif stabbilit fl-Anness IV.**
2. Fir-rigward ta' tajers mibjugħa **jew offerti għal bejgħ b'bejgħ mill-bogħod []**, il-fornituri għandhom jiżguraw li t-tikketta tintwera qrib il-prezz, u li l-iskeda ta' informazzjoni dwar il-prodott tkun aċċessibbli.
3. Il-fornituri għandhom jiżguraw li kull riklam viżiv għal tip speċifiku ta' **tajer**, **[] juri t-tikketta. Il-fornituri jistgħu jagħmlu t-tikketta disponibbli f'riklami online għal tip speċifiku ta' tajer billi jesponuha permezz ta' wiri ta' ħaġa ġo oħra.**
4. Il-fornituri għandhom jiżguraw li kull materjal promozzjonali tekniku dwar tip speċifiku ta' **tajer**, **[] jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness V.**
5. Il-fornituri għandhom jiżguraw li l-valuri **u d-dokumentazzjoni teknika f'konformità ma' dan ir-Regolament [] użati biex jiġu determinati** l-klassijiet relatati u kwalunkwe informazzjoni addizzjonali ta' prestazzjoni **li** huma jiddikjaraw fuq it-tikketta għall-[] parametri li jinsabu fl-Anness I **għal dan ir-Regolament [] jikkorrispondu** ma' **dawk inklużi fid-[] dokumenti** dwar l-approvazzjoni tat-tip.
6. Il-fornituri għandhom jiżguraw il-preċiżjoni tat-tikketti u tal-iskedi ta' informazzjoni dwar il-prodott li jipprovdu.

[]

8. **Jenħtieġ li** l-fornituri jikkooperaw mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u jieħdu azzjoni immedjata biex jirrimedjaw kwalunkwe każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tagħhom, fuq inizzjattiva tagħhom stess jew meta jintalbu jagħmlu dan mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.
9. Il-fornituri ma għandhomx jipprovdu jew juru tikketti, marki, simboli jew skrizzjonijiet oħra li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, jekk dawn aktarx iqarrqu jew igerfxu lill-utenti aħħarija fir-rigward tal-parametri **[] stabbiliti fl-Anness I**.
10. Il-fornituri ma għandhomx **[] jipprovdu** jew juru tikketti li jimitaw it-tikketta prevista b'dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Responsabbiltajiet tal-fornituri tat-tajers rigward il-bażi tad-data tal-prodotti

1. **[] B'**effett mill-1 ta' **[] Ġunju 2021** **[]**, qabel ma jqiegħdu tajer fis-suq, il-fornituri għandhom idaħħlu **[]** l-informazzjoni stabbilita fl-Anness **VIIa** **[] fil-bażi tad-data tal-prodotti**.
 2. **Għal** tajers **li** jitqiegħdu fis-suq **[]** bejn [jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u l-31 ta' **[] Mejju** **[] 2021** **[]**, il-fornitur għandu jdaħħal, sa **[] mhux iktar tard mill-31 ta' [] Diċembru 2021** **[]**, **[]** l-informazzjoni stabbilita f'**VIIa** **[] fil-bażi tad-data tal-prodotti**.
 3. Sakemm l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ma tkunx iddaħħlet **fil**-bażi tad-data tal-prodotti, il-fornitur għandu jagħmel verżjoni elettronika tad-dokumentazzjoni teknika disponibbli għall-ispezzjoni fi żmien 10 ijiem **ta' xogħol** minn talba li tkun **waslet** mingħand l-awtorità tas-sorveljanza tas-suq.
- 3.a Meta data minbarra dik speċifikata fl-Anness VIIa ssir neċessarja għall-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip jew għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq biex iwettqu l-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament, huma għandhom ikunu jistgħu jiksbuha mill-fornitur fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mit-talba.**

4. Tajer li għalih isiru bidliet li jolqtu t-tikketta jew l-iskeda ta' informazzjoni dwar il-prodott għandu jittqies tip ta' tajer ġdid. Il-fornitur għandu jindika fil-bażi tad-data meta ma jibqax iquieghed fis-suq l-unitajiet kummerċjali ta' **ċertu** tip ta' tajer.
5. Wara li l-aħħar unità ta' tip ta' **tajer** [] tkun tqiegħdet fis-suq, il-fornitur għandu jżomm l-informazzjoni dwar dak it-tip ta' **tajer** [] fil-parti dwar il-konformità tal-bażi tad-data tal-prodotti għal perjodu ta' ħames snin.

Artikolu 6

Responsabbiltajiet tad-distributuri tat-tajers

1. Id-distributuri għandhom jiżguraw li:
 - (a) **fil-punt tal-bejgħ**, it-tajers [] fil-post tal-bejgħ, iġorru t-tikketta skont l-Anness II fil-forma ta' stiker mogħti **mill-fornituri** [...] skont il-punt (a) tal-Artikolu 4(1) f'pożizzjoni ċarament viżibbli, **u li l-iskeda ta' informazzjoni dwar il-prodott kif stabbilita fl-Anness IV tkun disponibbli; jew**
 - (b) qabel il-bejgħ ta' tajer [] **li huwa parti minn** lott ta' tajers identiċi (wieħed jew aktar), it-tikketta msemminja fil-punt (b) tal-Artikolu 4(1) tintwera lill-utent aħħari u tidher b'mod ċar qrib ħafna tat-tajer fil-post tal-bejgħ, **u li l-iskeda ta' informazzjoni dwar il-prodott kif stabbilita fl-Anness IV tkun disponibbli.**
2. Id-distributuri għandhom jiżguraw li kull riklam viżiv għal tip speċifiku ta' **tajer**[], inkluż fuq l-internet, juri t-tikketta. **Id-distributuri jistgħu jagħmlu t-tikketta disponibbli f'riklami online għal tip speċifiku ta' tajer billi jesponuha permezz ta' wiri ta' ħaġa ġo oħra.**
3. Id-distributuri għandhom jiżguraw li kull materjal promozzjonali tekniku dwar tip speċifiku ta' **tajer**[], inkluż fuq l-internet, jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness V.
